MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 475/2013

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs.**

**Micallef Sant Pauline K.I. 459657 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elf, disa' mija u disgħa u ħamsin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1959.18), in konnessjoni mat-terminazzjoni anticipata da parti tal-intimata tal-impjieg definittiv tagħha mas-soċjeta′ attrici b'effett mill-5 ta' Lulju 2012; Illi ai termini tal-Artiklu 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti għandha tħallas lis-soċjeta′

esponenti l-ekwivalenti għal nofs il-pagi li kienu jkunu lilha dovuti li kieku onorat il-ftehim ta' mpieg definit tagħha.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf, disa' mija u disgħa u ħamsin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1959.18), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fis-26 ta' Ottubru 2012 u numerata 2909/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------